MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 414/2003

John Barbara
vs
Airmalta p.l.c.

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Illi l-attur huwa impjegat mas-socjeta` kummercjali konvenuta.

Illi l-attur nhar il-21 ta' Mejju, 1999 wegga' f'incident awtomobilistiku waqt il-qadi tal-impjieg tieghu mas-socjeta` konvenuta fi triq gewwa iz-zona ta' l-Ajruport ta' Malpensa gewwa Milan, l-Italja.

Illi minhabba tali incident l-attur qieghed isofri minn disabilita` permanenti hekk kif iccertifika Mr. Carmel Apap Bologna skond ir-rapport mediku anness mar-rikors u

mmarkat bhala dokument "JB1" u dana hekk kif se jkollu l-opportunita` li jipprova l-attur waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

Illi l-imsemmija incident sehh tort tas-socjeta` konvenuta u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta' l-istess socjeta` konvenuta.

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni ill-attur, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta bhala unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar il-21 ta' Mejju fejn wegga' l-attur u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta' l-istess socjeta` konvenuta.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur anke permezz ta' perit nominand.

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma hekk likwidata lill-attur.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Mejju 2001, u bl-imghax u rapprezentanti u diretturi tas-socjeta` konvenuta gew ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi preliminarjament, ic-citazzjoni odjerna hija nulla u bla effett peress illi l-kontenut tac-citazzjoni intavolata mhijiex skond dak rikjest mill-Artikolu 156(1) tal-Kap. 156.

2. Illi subordinament u bla pregudizzju ghall-fuq eccepit, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li fuq il-fatti esposti, il-kumpanija konvenuta mhix responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attur.

3. Illi subordinament u bla pregudizzju ghall-fuq eccepit, l-attur irid jipprova li l-incident li fih allegatament sofra disabilita` permanenti kien l-effett ta' xi azzjoni jew inazzjoni tal-kumpanija konvenuta skond kif dispost fl-Artikolu 1033 tal-Kap 16.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jigu prezentati izjed tard f'kaz illi l-ewwel eccezzjoni tigi michuda u l-attur joghgbu jaghti informazzjoni cara u dettaljata dwar it-talbiet tieghu.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-affidavit ta' l-attur John Barbara fejn issemma li fis-sajf tal-1997, l-Airmalta flimkien ma' xi azzjonisti Taljani, waqfu kumpanija ta' l-ajru bl-isema ta'Azzurra Air gewwa l-Italja. L-Airmalta ghandha 49.5% ***shareholding*** fl-Azzurra Air. Din il-kumpanija kienet titmexxa minn Maltin impjegati ma' l-Airmalta, bl-ufficini gewwa Bergamo. L-Azzurra Air sal-1 ta' Jannar, 1999 kellha flotta ta' sitt ajruplani joperaw mill-ajruport ta' Malpensa 2000, tlieta tal-marka AvroRJ 85 u tlieta AvroRJ 70. Kellha ajruplan iehor simili ghal dawn, li kien BAE 146. Dan kien jopera minn Torino. Id-destinazzjonijiet kienu diversi bliet fl-

Ewropa u anke fl-Italja stess. Fis-sena 1999, ic-***chief engineer*** ta' l-Air Malta li dak iz-zmien kien is-Sur Louis Giordimaina hass il-htiega li jhajjar lill-***Licensed Engineers*** mis-sezzjoni tal-***Line Maintenance***, biex imorru jahdmu ma' l-Azzurra Air fl-Italja. Dan sar ghax din il-kumpanija kienet se tespandi billi tkabbar il-flotta, iccaqlaq il-basi taghha mill-ajruport ta' 'Orio al Serio' gewwa Bergamo ghal dak ta' l-ajruport ta' Malpensa 2000, gewwa Milan liema ajruport huwa aktar centrali, modern u aktar traffikuz. Ghal dan il-ghan huwa haseb li jtella' tliet ***licensed engineers*** biex jiehdu parti attiva fl-immanigjar tas-sezzjoni tal-***line maintenance*** ta' l-Azzurra Air. Sar ftehim bejn is-Sur Giordimiana u l-***licensed engineers*** tal-***Line Maintenance*** li fuq dan il-ftehim kellu jsir kuntratt. Dan il-kuntratt kellu jigi ffirmat mill-***Licensed Engineers*** maghzula u l-***Group Head Human Resources and Administration*** ta' l-Air Malta Dr. J. P. Farrugia. Intaghzlu tlieta li kienu certu Jospeh Vella, Carlo Galea u l-attur.

Semma li hin minnhom il-***workforce*** naqset drastikament filwaqt li zdied ix-xoghol peress li kienu zdiedu l-ajruplani. Ix-xoghol tant kiber u tant kien hemm nuqqas ta' ***licensed engineers*** li wara li ghamel ir-***roster*** tieghu ta' hames ***night duties*** bejn id-9 u t-13 ta' Mejju 1999, ir-***roster*** ta' hames ***days*** inbidlitlu f'***nights***. Dahhluh xoghol ukoll fir-***rest*** tieghu tal-14 ta' Mejju 1999. Xoghol bil-lejl fl-ajruport ta' Malpensa kien iebes hafna minhabba s-sieghat twal u minhabba li l-Azzura Air ma kellhomx ***hangar*** u ghalhekk ix-xoghol kollu ried isir fl-apert u fil-kundizzjonijiet klimatici li hemm gewwa Malpensa. Ghalkemm ufficjalment ix-xoghol ta' bil-lejl kien previst ghal tmien sieghat (Ara Dok 'JB 19' gja esebit f'din il-kawza), dejjem kienu jispiccaw sa sebh fil-ghodu. B'hekk bejn id-9 u l-21 ta' Mejju 1999, gie li hadem hdax-il ***night duty*** wara xulxin. Fl-ahhar ***night duty*** dik tas-sbieh il-21 ta' Mejju 1999, barra ir-rutina normali kellhom ibiddlu ***Auxillary Power Unit***. Din tkun magna fuq wara ta' l-ajruplan u tintuza biex taghti l-arja ghal kumdita` tal-passigieri, kif ukoll tforni l-elettricita` fuq l-ajruplan. Dan ix-xoghol jiehu hafna zmien u hu spicca sa l-ghaxra ta' filghodu tal-21 ta' Mejju 1999. Dakinhar ferm ezawrit minhabba s-sieghat zejda u l-pressjoni tax-

xoghol li hu kellu tant illi wara li lesta mix-xoghol ma qabadx il-karozza u mar lura d-dar izda strah ftit fuq il-post tax-xoghol. Hu dejjem kellu jsuq lura wahdu lejn id-dar u ma kellux triq ohra ghajr li jaghmel l-istess dakinhar. Hu ma jiftakar xejn dwar l-incident ghajr li jiftakar in-nies ta' l-ambulanza jigbuh 'l barra mill-karozza. Hemm rega' ntilef minn sensih bl-ugiegh. Kif gie f'sensih fil-***pronto soccorso*** tal-Azienda Ospedaliera ***"Carlo Ondoli"*** ta' Angera, mar ***Carabiniere*** fuqu u qallu li kien habat gewwa hajt bil-karozza. Staqsieh ukoll lil min javza dwar l-incident. Hu kien qallu biex johodlu l-kartiera li kienet fil-gakketta, fejn kien hemm il-kuntatti li kellu u qallu biex jcempel lill-***maintenance manager***. Sadanittant it-tobba sabu li kellu ***multiple fracture*** f'siequ l-leminija, barra diversi punti li kellhom jaghmlulu f'wiccu. Minn dak l-isptar gie trasferit go sptar iehor l-***Ospedale del Verbano Sede di Cittiglio Varese***, fejn zammewh ghal hamest ijiem minghajr ma saritlu operazzjoni. Fil-frattemp kienu marru diversi ufficjali jzuruh tal-kumpaniji Azzurra u AirMalta. Fl-ahhar hinijiet instab li Malta xi kirurgi kienu ghadhom kemm tharrgu f'din it-tip ta' operazzjoni partikulari u gie trasferit lejn Malta, kwazi gimgha wara l-incident. Fis-27 ta' Mejju 1999, gabuh Malta u saritlu l-operazzjoni fit-30 ta' Mejju, 1999. Minhabba f'hekk hu dejjem baqa' impjegat ma' l-Airmalta u kien jircievi l-hlas tieghu minghand l-Airmalta. Kien ghalhekk li hu fetah din il-kawza kontra l-Airmalta ghaliex hija fil-fatt il-kumpanija li timpjegah u l-kumpanija ghalhekk li kellha hsieb u taccerta li l-kundizzjoni tax-xoghol tieghu kienu xierqa.

Xehed <u>John Barbara</u> in kontro ezami, fejn qal illi hu kien ilu ***Licensed Engineer*** mill-1979. L-incident gara fil-21 ta' Mejju 1999. Fl-1979 dahal mal-AirMalta u gab il-***license*** fl-1984. Il-***work force*** kienet naqset bi 22%. Apparti minn hekk imbaghad zdiedu xi ajruplani u allura x-xoghol kompla jizdied. Jaf illi wiehed mill-obbligi taghhom hija li ma tkunx ghajjien fuq ix-xoghol, izda tidhol ghax-xoghol ma tkunx ghajjien izda wara numru ta' sieghat tahdem l-ghejja tibda tinhass u specjalment meta inti tkun qed tahdem taht pressjoni. Inutili li tghidlu li int ghajjien. Inizzlek Malta u jtella' lil xi hadd iehor min flokok. Kien jithallas extra ta' l-***overtime*** pero` skond il-***collective***

***agreement*** l-***overtime*** ma tistax tirrifjutah. Fi zmien ta' l-incident kien jirrisjedi Castello Ticino Via Lago Garante. Sabiex tasal mill-ajruport ta' Malpensa s'hemmhekk trid mal-45 minuta. Mistoqsi kif inhi li hu telaq mix-xoghol fl-10.00, l-10.15 u li d-distanza trid mat-tlett kwarti, siegha biex tasal u l-incident gara fil-kwarta, spjega dan kollu, qal fil-fatt wara li hu kien telaq, hu kien f'hin minnhom hassu ghajjien u waqaf biex jiehu kafe` biex jistrih ftit. Il-post fejn gara l-incident kien hames kilometri biss circa 'il boghod mill-post fejn kien joqghod. Li ma jafx hu huwa l-hin ta' l-incident. Mistoqsi kif inhi li fid-deposizzjoni taghhom ta' Lino Formosa hu kellu ***travel allowance*** tant li anka ghal-***taxis*** kienet koperta kif inhi li ma hax taxi qal biss biss, kellu l-problema li kellu l-karozza hemmhekk.

Rat l-affidavit ta' <u>Cettina Barbara</u> fejn issemma li hi mart l-attur John Barbara. Qalet illi dak iz-zmien f'Milan u cioe` fil-bidu tas-sena 1999 hi kienet telghet mieghu tghix hemmhekk. Qalet illi zewgha hemmhekkk ma kienx jahdem is-sighat li kien jahdem ma' l-Airmalta hawn Malta u cioe` kien jahdem hafna aktar. Zewgha kien jahdem sieghat twal hafna u kontinwi. Hafna drabi meta zewgha kien ikun '***day***' u li suppost ghalhekk jispicca fl-4.00 p.m. huwa kien jmur lura fid-9.00 p.m. filwaqt li John kien ikun '***night***' huwa kien imur lura ghall-habta tal-4.00 a.m.

Rat l-affidavit ta' <u>Joseph Vella</u> fejn issemma li hu impjegat ma' l-Airmalta p.l.c. Qal illi fit-8 ta' Frar, 1999 hu kien jahdem gewwa l-Ajruport ta' Malpensa, Milan gewwa l-Italja. Hu hemmhekk kien sekondat ma' l-Azzura, izda hu kien u baqa' mpjegat ta' l-Airmalta p.l.c. u kien jircievi l-paga minghand l-istess Airmalta p.l.c., inkluz anke l-***allowance***. Qal illi f'Malpensa kien hemm ukoll certa John Barbara, impjegat ukoll ta' l-Airmalta u l-attur f'din il-kawza. Qal illi bhala sighat ta' xoghol kienu sighat twal hafna. Fil-fatt meta huma kienu jinghataw ir-***roster*** hemmhekk kien jitnizzel li kull ***shift*** kien ikun ta' tmien sighat, izda kien ikun hemm imnizzel il-klawsola ***"or at end of maintenance activities"***. Qal illi anke l-kundizzjonijiet tax-xoghol kienu ferm iebsa u dana billi hemmhekk kien jkolhom jahdmu fuq l-ajruplan barra f'temperaturi baxxi bhal ghaxar gradi ***celcius*** taht iz-zero.

F’dan il-perjodu John kien jilmenta mieghu li ma setax jibqa’ jahdem dawk l-iljieli kollha liema ljieli fejn suppost huwa kien jispicca fis-1.00 a.m. huwa kien ikollu jqatta’ l-lejl hemmhekk. Dwar l-incident semmielu li huwa kien ghajjien u li raqad fuq l-i***steering wheel***. Xehed Joseph Vella, in kontro-ezami qal illi l-attur ma kienx qallu li s-Sur Galea kien cempillu u qallu li qieghed bil-leave u li jekk ried jmur u jahdimha.

Xehed <u>Oliver Titley</u> fejn qal illi hu jahdem mal-Airmalta u ghandu l-kariga ta’ ***Head Payroll*** mal-Airmalta. Dwar l-attur qal li fil-fatt huwa impjegat mal-Airmalta u llum il-gurnata fil-kariga ta’ ***engineer***. Bejn il-perjodu tal-1 ta’ Lulju 1997 u l-31 ta’ Marzu 2000 l-attur kien jaqa’ taht il-ftehim kollettiv li kien jezisti bejn l-Airmalta u l-GWU u li tieghu esebixxa kopja. Bejn April 2000 sa sentejn wara jidher li ma kienx hemmx ftehim specifiku u wara jidher li l-inginiera kienu qed jippruvaw jaghmlu ftehim specifiku applikabbli ghalihom. Eesebixxa bhala Dokument “OT4” l-***leave record*** tal-attur li minnu jirrizulta li fis-17 u t-18 ta’ Jannar 1999 l-attur kien ha jumejn ***sick leave***. Inoltre bejn il-21 ta’ Mejju 1999 u l-31 ta’ Dicembru 1999 jirrizultaw 220 gurnata ***injury leave***. Wahda mill-proceduri tal-Airmalta ta’ persuni li jweggghu fuq ix-xoghol dan jigi kunsidrat ***injury leave***. Qal li dwar ***injury leave*** biex jibda l-***Human Resources Department*** ikunu hadu l-parir tat-tabib tal-kumpanija stess. Dan johrog fuq kriterji oggettivi ta’ ***injury leave*** jew ***sick leave*** normali. Fil-fatt l-incident kien gara fil-21 ta’ Mejju f’Milan. Dan ikun sar waqt hin ta’ xoghol biex ikun kunsidrat ***injury leave***. Specifika li s-Sur Barbara kien wegga’ waqt ***traffic accident*** u dan ma kienx waqt hin ta’ xoghol wara li x-xoghol tal-gurnata kien spicca. Propjament biex ikun kunsidrat ***injury leave*** il-bniedem irid ikun qieghed fix-xoghol, gara incident, wegga’, u ghalhekk ikun kunsidrat bhala ***injury leave***. Qal li l-procedura hija li kull kaz jigi studjat u evalwat fuq il-merti tieghu stess. Ma kien ha ebda decizjoni hu personali dwar il-bicca xoghol ta’ ***injury leave*** u ***sick leave***. Id-decizjoni tkun ittiehdet mill-Human Resources Department dwar jekk persuna effettivamemt tkunx intitolata u ghal liema tip ta’ ***leave***. Ma kienx jidher mir-***records*** li l-paga tal-attur qatt giet imnaqqsa la waqt

iz-zmien tal-***injury leave***, la precedentement, u anqas in segwitu. Anqas ma jirrizultalu mill-***file*** li l-attur talab li jigi ***relieved*** minn ***duties***.

Xehed Mr. Carmel Apap Bologna, fejn ra certifikat li jinsab a fol 4 et tal-process u dwar dan qal illi jikkonferma li kien hargu hu dan ic-certifikat u kkonferma wkoll il-percentagg ta' dizabilita` hemmhekk indikata fl-istess certifikat. Qal illi hu fil-fatt mid-data tar-rilaxx tac-ceritifikat kien rega' ezamina lill-attur u effettivament ikkonstata li kollox baqa' l-istess u ghalhekk il-percentagg ghadu applikabbli ghal lum il-gurnata.

Xehed Martin Azzopardi li qal illi hu ***Managing Director*** fl-***Osprey Insurance Brokers*** u kellu fost il-funzjonijiet tieghu ***Insurance Broker*** ghall-AirMalta. Qal li hemm polza ta' assikurazzjoni li jisimha Group Personal Accident li dina effettivament tinxurja lill-Airmalta b'beneficcju pagabbli lill-impjegati. Tkopri dizabilita` permanenti, spejjez ta' medicina, ***trouble expenses*** fis-sens ***trouble cover*** bhal ma huma telf ta' flus, dan it-tip ta' ***coverage***. Dan huwa dak li kienet tkopri l-polza f'kaz bhal dan. In kontro-ezami kkonferma li l-importanti biex tigi ***covered*** b'din it-tip ta' insurance hija li basta jkun by ***accident*** irrilevanti ta' min huwa t-tort.

Xehed Natalino Formosa, li qal li hu jahdem fl-***Engineering Department*** ma' l-AirMalta u ghandu l-kariga ta' Supretendent ***Aircraft Maintenance***. Jaf li xi zmien ilu kienu marru xi impjegati ta' l-AirMalta jahdmu Malpensa u mistoqsi dwar il-beneficcji li kienu qed jiehdu aktar minn haddiema normali dawn l-impjegati li ghalihom qed issir referenza ghal 1999 qal illi huma kienu jiehdu t-***travel authority*** li hija ***daily allowance*** kemm ghal ***hotel*** u kemm ghalihom personali u ha kopja taghha li esebiha u giet mmarkata bhala Dokument M1. Qal li t-***Travel Authority*** li ghaliha kien moghti John Barbara tinkludi wkoll it-***travelling*** fil-post stess ta' ***taxis*** ghax tigi kompriza mit-***travel authority***. Ghalhekk l-attur kellu ***travel allowances*** mill-post tax-xoghol ghall-abitazzjoni tieghu.

Xehed Michael Buttigieg, General Manager Corporate Services ma' l-AirMalta li semma li fl-1999 hu kien ***Financial Co-ordinator***, parti mill-***management support*** responsabbli fost affarijiet ohra mill-insurance ta' l-Azzurra Air. John Barbara dik il-lejla, fuq haga li mhux tas-soltu li tigri go l-Azzurra kien hadem aktar minn tmintax-il siegha, kien hadem tmintax-il siegha bejn wiehed u iehor u kien spicca mix-xoghol. Xi saghtejn wara gara l-incident, skond ma qalulu kien raqad fuq l-i***steering wheel***.

Xehed Is-Sur Louis Giordimaina fejn qal illi llum il-gurnata hu jahdem bhala Chief Executive ma' Lufthansa Technic Malta. Precedentement kien Chief Engineer mal-Airmalta fl-1999. Dwar Azzurra Air u s-Sur Barbara qal illi meta kien Chief Engineer tal-Airmalta kien involut fis-***set up*** tal-Azzurra li kienet bdiet fl-1996. Fil-verita` qabel ma bdiet topera l-Azzurra kien baghat xi nies minn taghhom tal-Airmalta biex jassistu fil-bini tal-ajruplani biex jaraw fejn l-ajruplani qed jinbnew l-Ingilterra. John Barbara kellu x-xoghol ta' ***licensed engineer*** fid-dipartiment tekniku tal-Azzurra Air. Gie mistoqsi x'suppost jaghmel inginier jekk huwa ghajjien, ***fatigued*** jew ***stressed*** u hu rrisponda li ghandu r-responsabbiltajiet tieghu personali li jekk se jhossu ghajjien iz-zejjed jew ma jkomplix ix-xoghol jew ma jirrappurtax ghax-xoghol. Meta gara l-incident hu nzerta kien qieghed Bergamo ghax kienu qed jaghmlu kuntratt ta' ***leasing*** ta' ajruplan. Cemplilu t-***technical director*** Stefano Biagini u qallu li John Barbara kien wegga' f'incident tal-karozza u haduh l-isptar u fil-fatt mar jarah l-ghada s-Sibt filghodu hu, u min-naha taghhom ovvjament bhala ***chief engineer*** tal-Airmalta dak iz-zmien offrielu l-assistenza kollha taghhom li kellu bzonn. Hu qatt ma rcieva xi ittra minghand is-Sur Barbara fejn hu talab li jitlaq minn hemmhekk. In kontro ezami qal li meta John Barbara kien ***seconded*** mal-Azzurra Air u l-paga minn fejn kien jirceviha qal li dak kien arrangament kummercjali fejn l-Airmalta kienet tohroglu l-paga u tigi mbaghad ***recharged*** lill-Azzurra, imma dak kien arrangament kummercjali.

Xehed Emmanuel Galea, li semma li l-kariga tieghu llum hija ta' ***supervisor*** mal-Lufthansa Teknik Malta. Fl-1999

hu kien jahdem Airmalta u kellu l-kariga ta' ***ground engineer***. Dak iz-zmien kien gie sekondat ma' l-Azzurra Air u tela' jahdem f'Bergamo. Il-maggor parti tal-inginiera kienu taljani pero` kien hemm tlieta li kienu Maltin u cioe` hu, Joseph Barbara u Mr. Joseph Vella. Darba minnhom is-Sur Barbara kien ***off*** u kien cempillu fuq il-***mobile*** u kien qallu li kellu bicca xoghol ta' ***replacement*** ta' ***auxiliary power unit***. Kien staqsieh jistax jidhol jaghmel din il-bicca xoghol allavolja kien l-***off day*** tieghu u hu accetta mill-ewwel. Hu qallu li hu seta' jirrifjuta jidholx jew le ghax hu kien ***off***. ***Overtime*** ma hemmx obbligu. Qal li kienu ghamlu l-lejl kollu jahdmu fuqu u bejn wiehed u iehor jahseb li kien xi tnax-il (12) siegha xoghol u kienu xi tlieta (3) min-nies jahdmu fuqu. Din il-bicca xoghol gieli ghamilha hu u generalment idum xi ***six*** (6) jew ***seven*** (7) ***hours***. Kien fil-maggorparti lest imma mhux komplut totali. Hu jiftakar li meta mar ghal xi t-tmienja ta' filghodu (08.00) kien sorpriz li x-xoghol kien ghadu mhux lest peress li hu normalment ilestih f'ferm inqas zmien pero` naturalment meta inti tikkonsidra li x-xoghol mhux dejjem ihabbtek bl-istess mod. Imbaghad kien baghathom hemmhekk biex jigbru l-ghodda taghhom halli jkompli hu. Hu kien qalilhom biex imorru pero` sussegwentement meta mar l-ufficju sabhom ghadhom hemmhekk kemm lil John Barbara kif ukoll l-ohrajn li kienu taljani. Hu skanta li kienu hemmhekk u qalilhom biex imorru jistriehu ghax ghamlu lejl xoghol. Dak li kien semma precedentement u cioe' dwar l-***off days*** li jsegwu lid-***day*** jew lin-***night***, qal li kellhom arrangament bejniethom fejn huma kienu hafna drabi jippruvaw jakkumulawhom ma' xulxin bl-iskop li darba fix-xahar jkunu jistghu jinzlu Malta halli jkunu jistghu joqoghdu mall-familja.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienetx mod li l-impjegat kien ikollu jsegwi d-direttivi tieghu jew altrimenti jekk kienx ikollu l-fakulta` li jimxi max-***shift*** spjega li certament jekk ma kienx jiflah seta' jirrifjuta jigifieri, hu ghadu sal lum ma jisforza lil hadd jekk ma jkunx tajjeb ghax-xoghol ahjar ma jmurx milli jwegga' jew jaghmel xi haga hazina. Mistoqsi mill-Qorti wkoll jekk fl-ahhar ghaxart ijiem ta' qabel ma gara l-incident is-Sur Barbara attriralux l-attenzjoni li qed ihossu ma jiflahx jew li b'xi mod ma jistax ilahhaq max-

xoghol irrisponda li le qatt ma semma xejn. Dwar il-***meccanico di linea*** li jahdem ma' l-Air Malta, qal illi l-Air Malta 12 ***hour shift***. Il-medja hija ta' tnax-il siegha kull ***shift*** u ghalhekk jekk bniedem jahdem aktar minn tnax-il siegha jkun aktar mill-medja.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

**D1. *Generali*:**

Il-kawza odjerna tirreferi ghal incident li sehh fil-21 ta' Mejju 1999 meta l-attur wegga' f'incident awtomobilistiku gewwa Milan, fl-Italja wara li kien ghadda sighat twal jahdem fl-impjieg tieghu fl-ajrupost ta' Malpensa bhala ***licensed engineer***. Jirrizulta li l-attur hadem hafna sieghat twal – ferm aktar minn normali. Dan mhux biss sostnieh l-attur izda gie wkoll konfermat minn martu Cettina Barbara, kif ukoll minn haddiem iehor Joseph Vella. John Barbara kien ***off day*** izda peress li kellhom ix-xoghol staqsewh iridx jidhol jahdem u accetta. Galea kien qallu li hu seta' jirrifjuta jidhol ghax hu kien ***off***. Dik il-lejla, fuq haga li mhux tas-soltu li tigri gol-Azzurra kien hadem aktar minn tnax-il siegha – possibilment tmintax-il siegha. Irrizulta li l-incident la sehh fl-ajruport ta' Milan u anqas fid-dintorni tieghu izda ferm 'il boghod.

Irrizulta li kellhom arrangament bejniethom fejn huma kienu hafna drabi jippruvaw jakkumulaw l-***off days*** ma' xulxin bl-iskop li darba fix-xahar ikunu jistghu jinzlu Malta halli jkunu jistghu joqoghdu mal-familja. Fil-jiem ta' qabel l-incident l-attur ma lmentax li qieghed ihossu ghajjien.

Kawza ta' l-incident l-attur inghata 220 gurnata ***injury leave.*** Irid ikun sar waqt hin ta' xoghol biex ikun kunsidrat ***injury leave.*** Proprjament biex ikun kunsidrat ***injury leave*** il-bniedem irid ikun qieghed fix-xoghol, gara incident, wegga', u ghalhekk ikun kunsidrat bhala ***injury leave***. Il-***Head*** tal-***Payroll*** ta' l-Airmalta semma li l-procedura hija li kull kaz jigi studjat u evalwat fuq il-merti tieghu stess. Ma kien ha ebda decizjoni hu personali dwar il-bicca xoghol ta' ***injury leave*** u ***sick leave***. Id-decizjoni tkun ittiehdet mill-***Human Resources Department*** dwar jekk persuna effettivamemt tkunx intitolata u ghal liema tip ta' ***leave***.

Mr. Carmel Apap Bologna ikkonferma li kawza tal-incident tat-traffiku li kien involut fih l-attur sofra griehi kif spjegat fic-certifikat a fol 4 tal-process b'konsegwenza ta' disabilita` permanenti ta' 15%.

**D2.** ***<u>Responsabbilta`:</u>***

L-attur jidher li qieghed isostni li hu kien <u>imgieghel</u> jahdem sighat twal mas-socjeta` konvenuta u li l-incident stradali sehh minhabba li kien ghajjien wara ***shift*** twil u ghalhekk jimplika li s-socjeta` konvenuta naqset li tipprovdi ***a safe system of work*** ghall-impjegat taghha li kienu gew ***seconded*** ma' l-Azzurra Air, izda mill-provi ma jirrizultax mill-***file*** li l-attur talab li jigi ***relieved*** minn ***duties***. L-attur ikkontenda li r-***roster*** tieghu ma kienx qed jigi mizmum u li kawza ta' hekk sar l-incident. Il-Kap 16 artikolu 1032 jghid:

(1) Jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Ghalhekk il-Qrati taghna dejjem zammew li jezistu tliet elementi biex tirnexxi azzjoni ghal danni.

1 – Il-fatt dannuz illecitu

2 – L-imputabilita` ta' l-istess fatt ghal min ikun ghamlu

3 – Id-dannu kagjunat minn dan l-istess fatt hu doluz jew li jwassal ghal ***culpa*** da parti ta' min ikun ghamlu

**Agius vs Busuttil**, Qorti ta' l-Appell, 14/12/1982 fejn min jinstab responsabbli ghal danni jkollu konnessjoni logika ta' kawza u effett.

L-awtur Taljan Torrente jiddefinixxi l-***culpa*** bhala:

**un' evento si dice colposo quando no e' stato intenzjonalmente procurato ma si e' verificato a causa di negligenza, imprudenza o imperizia, ovvero per inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline.**

L-attur isostni li l-kwantita` ta' xoghol li kien hemm kien voluminuz hafna u li l-i***staff*** ma kienx sufficjenti biex jilhaq mal-volum ta' xoghol. Infatti irrizulta li spiss kien ikun hemm ***overtime*** kif ukoll kien hemm procedura li jahdmu

fl-***off days***. Certament l-impjegati kienu kuntenti b'din is-sistema wkoll minhabba li kienu jaqilghu aktar flus kif ukoll kellhom il-possibbilta` li jinzlu lura Malta aktar frekwenti jew aktar fit-tul biex ipattu tas-sighat twal ta' xoghol li jkunu ghamlu. Zgur li l-attur ma giex sfurzat biex jidhol ghax-xoghol izda fl-istess hin kien agir sewwa tas-socjeta` konvenuta li thaddem lill-haddiema taghha dawk is-sighat twal kollha b'mod li l-impjegati jkunu daqshekk ghajjenin?

**D3. *<u>Safe system of work</u>*:**
Minn dak imsemmi hawn fuq jemergi car li min ihaddem ghandu dejjem juza d-diligenza ta' ***bonus pater familias*** inkluz li ghalhekk jipprovdi ***a safe system of work*** ghax altrimenti jkun responsabbli ghal eventwali danni. Huwa certament responsabbli ghal danni min jimpjega b'mod li:

1. Ix-xoghol kien jinvolvi riskju ta' korriment li seta' jkun ragjonevolment previst,
2. Ir-riskju kien il-kawza tal-korriment,
3. Tali riskju seta' gie evitat.

F'dan l-istadju l-Qorti sejra tikkwota minn sentenza taghha kif presjeduta moghtija fid-19 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet **Armando Caruana vs Filomeno Pace noe** fejn inghad:
"Certament jinkombi fuq l-***employer*** li jipprovdi ***a safe system of work*** ghall-impjegati tieghu, kemm jekk ix-xoghol isir f'fabbrika kif ukoll jekk il-haddiema jintbaghatu jahdmu barra mill-fabbrika. Xoghol barra mill-fabbrika xorta wahda ghandu jkun ***safe system of work*** u dan japplika mill-bidu nett sal-ahhar nett li jkun qieghed isir ix-xoghol. Huwa d-dover ta' min ihaddem li qabel ma jibghat il-haddiema tieghu fuq il-lant tax-xoghol jivverifika li l-kundizzjonijiet huma ***safe*** u minghajr riskji ghall-haddiema tieghu. Ghalhekk huwa d-dover ta' min ihaddem li jispezzjona l-post tax-xoghol u jevalwa r-riskji involuti u li ma jkunx hemm periklu ghall-haddiema. Taht kull cirkostanzi l-haddiem m'ghandux jigi mqieghed fil-periklu bla bzonn.

Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **<u>Bugeja vs Montanaro Gauci</u>**, deciza fl-14 ta` Mejju, 2004:

"huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-***employer*** li jipprovdi '***a safe place of work***'"

L-istess principju nsibuh fil-kawza **Gauci vs Korporazzjoni Enemalta,** deciza fl-10 ta` Ottubru, 2006 fejn inghad:
"qabel ma jintbaghat haddiem jahdem fuq sit, minn ihaddem ghandu obbligu "li taghmel ezami jew spezzjoni semplici sabiex tara min qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xoghol huwa wiehed ***safe***"."

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' April 2007, Imhallef Dr. T. Mallia, fil-kawza fl-ismijiet **Mayer Scicluna vs T.N. Waterproofing Limited**:
"Din il-Qorti, diversi drabi wkoll sahhet fuq il-htiega ta` supervizzjoni ("Agius vs All Services Ltd", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta` Gunju, 2005), u f`dan il-kaz dan kien mehtieg mhux biss biex jigi assikurat li l-lant tax-xoghol kien ***safe*****,** izda biex jassigura wkoll li l-haddiema juzaw l-appart kollu fornit lilhom."

Ukoll issir referenza ghall-kawza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Attard***,* deciza fit-2 ta` Settembru, 1999 fejn intqal:
"min ihaddem mhux biss ghandu jara li jkun hemm ***available*** apparat ta` ***safety*****,** izda ghandu jinsisti mal-***foreman*** li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu tal-apparat, u jara li din l-ordni tigi segwita."

Fil-kawza fl-ismijiet **Grezzju Scicluna vs C. Cini & Sons Limited**, deciza fis-27 ta' Lulju 2006, Imhallef Dr. Tonio Mallia, il-Qorti ccitat l-awtur Whincup mill-ktieb ***Modern Employment Law*** li jelenka erba' principji bazici. Dawn huma:
i. *the employer must ensure that the employee knows the dangers,*
ii. *the employer must ensure that the employee konws the precautions to be taken against these dangers,*

iii. *the employer must ensure that the precautions are available,*
*the employer must ensure that the employee knows these precautions are available.*

F'dan l-istadju l-Qorti qed tirreferi ghal sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Azzopardi fit-13 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet **Anna Micallef et vs Allchem Limited et** u tikkwota parti mis-sentenza taghha fejn ghamlet referenza ghal diversi sentenzi.

"Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **D'Anastasi vs Enemalta Corporation** deciza fit-28 ta' Gunju, 2005 qalet;

Illum it-tendenza ricenti tal-Qrati taghna, issa msahha ukoll minn legislazzjoni iktar moderna u konsonanti maz-zminijiet hija li hemm kwazi presunzjoni illi incident industrijali jigri ghax ma kienx hemm a safe system of work.

Huwa facli ghal dak li jipprovdi x-xoghol illi jwahhal fl-impjegat ghax uza ghodda mhux koperti minn apparat ta' sigura izda fuq kollox l-impjegat ikun qed jahdem ghall-ahjar ta' min jaghtih ix-xoghol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-ghodda ikun medd idejh ghax-xoghol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti li wiehed jattribwixxi xi tort lill-attur u nghidulu li kien ahjar li hasel idejh.

Kif irriteniet ukoll din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Schembri vs Caruana nomine** deciza fit-12 ta' Jannar, 1983, ***employer*** illi jkun jaf li fil-makkinarju tieghu hemm perikolu u ma jiehu ebda passi biex jirrimedja ghal dan jesponi ruhu ghall-konsegwenzi legali li johorgu minn dan l-***employer*** (ghandu jahseb) illi jippjana sew ix-xoghol u jikkunsidra l-fatt li l-istess haddiema gieli jittraskuraw ir-riskji involuti fix-xoghol taghhom ta' kull jum.

Kif ukoll qalet l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mallia vs Alf Mizzi and Sons Limited** deciza fid-9 ta' Ottubru, 2003 min ihaddem ghandu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha

ta' l-istess haddiem (ara **Bugeja vs Falzon** deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1997 u **Desira vs Grech and Co. Ltd.** deciza fit-30 ta' Mejju, 2002)."

Il-Qorti tixtieq tirrimarka dwar differenzi fil-kaz citat ta' Micallef et vs Allcehm Limited et fis-sens li f'dik il-kawza l-Qorti kellha quddiemha kaz ta' makkinarju ftit sofistikat ossija ***forklifter*** li forsi kien jirrikjedi li min ihaddem tali ingenji jkun qabel attenda ghal xi korsijiet biex ihaddem l-istess. Kien hemm ukoll f'dak il-kaz l-obbligu tas-supervizjoni li ***forklifter*** ma tintuzax biex jigu alzati nies izda oggetti. Fil-kaz in ezami ghandna kaz ta' kif tahdem forci. Il-kaz ta' Mayer Scicluna kontra TN Waterproofing Limited jirreferixxi aktar ghas-sigurta` fuq il-post fejn qed isir ix-xoghol ghax f'dak il-kaz l-incident gara wara li spicca x-xoghol u l-haddiem koncernat ossija l-attur f'dak il-kaz waqt li kien qed jerfa cilindru tal-gass rifes ***guilder*** ossija tavla tal-bennejja u zelaq. Il-kaz in ezami huwa differenti ghax la jirreferixxi ghal xi aspett fejn inholoq periklu minhabba l-istat ta' affarijiet fil-lok ta' fejn qed isir ix-xoghol u anqas jirreferixxi ghal xi ingenji li jehtiegu xi kapacita` specjali ta' kif thaddem l-ingenji koncernati. Fil-kaz in ezami hemm l-uzu ta' forci."

B'referenza ghall-kaz in ezami jrid pero` jinghad li l-incident ma garax fuq il-post tax-xoghol u mhux incident industrijali waqt ix-xoghol, direttament relatat max-xoghol tieghu jew l-ghodda li juza. Il-kaz imsemmi ta' haddiem tat-Tarzna li wegga' wara l-hsara fil-makkinarju (**Busuttil vs Malta Drydocks** deciz mill-Prim'Awla fid-09/12/2002), ta' haddiem li tfixkel fil-***cables*** imhollija bl-addocc fuq il-lant tax-xoghol (**Cini vs Wells et**, Qorti ta' l-Appell, 15/11/2004), ta' ***technician*** li jkorri waqt li qed isewwi makkinarju (**Grech vs Farrugia**, Qorti ta' l-Appell, 07/12/1994) huma kazijiet differenti ghax l-incident gara wara l-hin tax-xoghol u sta ghalhekk ghall-attur li jipprova n-ness bejn il-kawza tad-danni u l-agir tas-socjeta` konvenuta (ara f'dan ir-rigward **Paul Debono vs Malta Drydocks et**, Prim'Awla, 27/04/2005).

***<u>D4. Is-sewqan lura mill-attur:</u>***

Certament li jekk bniedem ikun ghajjien hu m'ghandux isuq. Jekk isuq mera jkun ghajjien ikun ta' periklu ghalih innifsu kif ukoll ghal terzi. Jekk l-attur kien ghajjien cartament ma messux saq u taht dan l-aspett certament li ghandu jaghti tort lilu nnifsu ta' dak li gara ghax ebda decizjoni tas-socjeta` intimata, gusta jew le, ma tista' twassal ghall-fatt li hu jsuq meta jkun ghajjien. Dan l-argument ikompli jissahhah meta wiehed jikkunsidra li l-attur kellu ***allowance*** ghat-***Taxis*** [konfermat minn Natalino Formosa]. L-***allowance*** mhux qieghedha hemmhekk halli wiehed ifaddalha izda halli tintuza, specjalment f'kaz ta' bzonn meta wiehed huwa ghajjien u ma jiflahx isuq. Ukoll jekk l-attur kien daqshekk ghajjien ghaliex qaghad jaghmel il-***paperwork*** wara li spicca, aktar u aktar meta s-superjur tieghu qallu li jista' jmur id-dar? L-attur kien joqghod xi 45 minuta 'l boghod mill-ajruport izda bhala stat ta' fatt l-incident gara saghatejn wara li kien telaq. L-attur cahad li mar ***supermarket*** izda qal li waqaf jiehu kafe` biex jistrieh ghax hassu ghajjien. U jekk hassu daqshekk ghajjien ghax ma pparkjax il-vettura tieghu? Barbara spjega li ma hax ***taxi*** ghax kellu l-karozza tieghu l-ajruport u ma xtaqx ihalliha warajh.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

L-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta hija li c-citazzjoni odjerna hija nulla u bla effett peress li l-kontenut tac-citazzjoni kif intavolata mhix skond dak rikjest mill-artikolu 156(1) tal-Kap 156. Il-Kap 156 huwa l-Att dwar il-produzzjoni tal-Petroleum. Huwa veru li din il-Qorti tahseb li dan huwa zball dattilografu u li kien hemm l-intenzjoni ghall-Kap 12 izda l-Qorti m'ghandhiex id-dritt li taghmel eccezzjonijiet hi ghal xi parti sakemm ma jkunux affarijiet li suppost tissollevahom hi stess.

Meta l-Qorti harset lejn l-artikolu 156(1) ma tirrizultax in-nullita` tac-citazzjoni ghax ma hemm xejn daqshekk monk fiha li jwassal ghan-nullita` taghha. Ghalkemm din il-Qorti tabbraccja li d-dettami tal-ligi jridu jigu fermament applikati, min-naha l-ohra, mhux sejra tinsisti fuq formalizmi zejda. Jekk toqghod propju ghall-formalizmi zejda trid hi stess toqghod fuq l-eccezzjoni ta' l-artikolu

156(1) tal-Kap 156 u ma tistax tmur ghall-eccezzjoni taht il-Kap 12.

Wara l-evalwazzjoni li ghamlet din il-Qorti bil-fors li tikkunsidra l-fatt li l-incident ***de quo*** ma garax fuq ix-xoghol u mhux konsegwenza ta' incident industrijali li sehh fuq il-lant tax-xoghol. L-incident huwa habta b'karozza li fiha wegga' l-attur, liema habta saret wara l-hin tax-xoghol. Huwa veru li l-kumpanija m'ghandhiex thaddem in-nies izzejjed, anke jekk stess thallashom, izda meta ma tkunx sfurzathom jaghmlu dan u l-impjegat ikun ha d-decizjoni li jahdem ***extra*** ghall-interessi tieghu ma jistax wara jdur kontra min ihaddmu ghal danni jekk ***l-employer*** ma jkollux responsabbilta` ghal dak li gara. Din il-Qorti gja esprimiet fil-kawza fuq imsemmija ta' **Armando Caruana vs Filomeno Pace noe** li "jekk wiehed sejjer jasal sa dan il-punt ha jkun qed johnoq il-possibbilta` li jezistu l-impjiegi." Il-fatt li s-socjeta` konvenuta pprovdiet ***allowance*** ghal ***taxis*** certament jezoneraha minn kull responsabbilta`.

Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni izda tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` intimata.

Stante n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------